

Il-Qorti Ġenerali applikat b'mod żbaljat il-ġurisprudenza Komunitarja rilevanti għall-evalwazzjoni tal-pretensjonijiet ta' Polimeri relatati mad-diskrepanzi bejn l-istqarrijiet ta' diversi impjegati tal-kumpanniji li taw sehmhom taħt il-programm ta' klemenza, dwar xi aspetti ta' allegat ksur. Il-Qorti Ġenerali, billi injorat provi importanti li jiddiskolpaw, u b'hekk naqset milli teżerċita l-istħarriġ ġudizzjarju sħiħ fuq il-provi prodotti mill-Kummissjoni.

Il-Qorti Ġenerali naqset milli ssib żbalji gravi mwettqa mill-Kummissjoni fl-applikazzjoni tal-Linji Gwida għall-kalkolu tal-multi u l-klassifikazzjoni bħala kwistjoni "gravi ħafna" tal-ksur ikkontestat fid-deċiżjoni, u li ma tatx raġunijiet suffiċjenti, barra minn hekk, għar-rifjut tal-pretensjonijiet ppreżentati fir-rigward ta' Polimeri. Il-Qorti Ġenerali naqset milli teżerċita l-istħarriġ ġudizzjarju sħiħ fir-rigward tal-kwantifikazzjoni tal-multa imposta fuq Polimeri.

Il-Qorti Ġenerali naqset milli ssib żbalji gravi mwettqa mill-Kummissjoni fid-determinazzjoni tal-koeffiċjent ta' multiplikazzjoni billi ma tatx raġunijiet suffiċjenti għar-rifjut tal-pretensjonijiet magħmula fir-rigward ta' Polimeri. Il-Qorti Ġenerali naqset ukoll milli tirrileva in-nuqqas ta' osservanza, mill-Kummissjoni, tal-prinċipju ta' trattament ugwali fid-determinazzjoni tal-koeffiċjent ta' multiplikazzjoni u, barra minn hekk, ma tatx raġunijiet suffiċjenti għar-rifjut tal-pretensjonijiet magħmula f'dan ir-rigward minn Polimeri.

Il-Qorti Ġenerali għamlet żball gravi fl-applikazzjoni tal-ġurisprudenza Komunitarja rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-pretensjonijiet magħmula minn Polimeri dwar l-inammissibbiltà ta' ċerti annessi mar-rikors promotur u ma tatx raġunijiet suffiċjenti f'dan ir-rigward. Il-Qorti Ġenerali b'hekk ikkompromettiet l-argumenti ta' difiża kontra l-argumenti difensivi ta' Polimeri b'riferiment għall-eżistenza tal-akkordju u l-parteċipazzjoni tagħha fih, sabiex b'mod illeġittimu tevadi d-dmir li teżerċita l-istħarriġ ġudizzjarju sħiħ tal-fatti allegati mill-Kummissjoni.

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Awwissu 2011 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Ellenika**

(Kawża C-346/10) <sup>(1)</sup>

(2011/C 340/24)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

<sup>(1)</sup> ĠU C 246, 11.09.2010

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Awwissu 2011 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Franċiża**

(Kawża C-597/10) <sup>(1)</sup>

(2011/C 340/25)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

<sup>(1)</sup> ĠU C 55, 19.02.2011

**Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Ġunju 2011 (talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Landgericht Frankfurt am Main — il-Ġermanja) — Condor Flugdienst GmbH vs Jürgen Dörschel**

(Kawża C-151/11) <sup>(1)</sup>

(2011/C 340/26)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ordna t-tħassir tal-kawża.

<sup>(1)</sup> ĠU C 204, 09.07.2011.